MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

ID-DISA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 11/09 (Laqgħa B'Urġenza)

It-Tlieta 7 ta' Jannar 2025

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-ħamsa u kwart (5:15pm) ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Romeo Baldacchino – Sindku
Andrew Dalli – Viċi Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Claire Chetcuti – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Nil

**ASSENTI**

Marija Micallef – Kunsilliera

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali – Il-Gudja - Local Council
88, Triq Raymond Caruana, Il-Gudja
Tel: 21672020; Fax: 21664646; email: gudja.lc@gov.mt
Sindku: R. Baldacchino; Viċi-Sindku: A. Dalli Kunsilliera: S. Caruana, M. Micallef u C. Chetcuti

AĠENDA

11.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

11.2 L-inkonvenjent mill-karozzi tal-kiri fit-toroq ta' madwar l-ajruport;

11.3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Romeo Baldacchino ppresedja l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-ħamsa u kwart ta` filgħaxija (5:15pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 11.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Is-Sindku nfurma lil dawk prezenti li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 11.2 L-inkonvenjent mill-karozzzi tal-kiri fit-toroq ta' madwar l-ajruport;

Is-Sindku għamel referenza għas-sitwazzjoni li qed tinħoloq mill-karozzi tal-kiri fit-Triq Ħal Resqun u t-toroq tal-madwar. Is-Sindku qal li minn naħa tal-Kunsill saru diversi talbiet lill-LESA biex jintbgħatu l-uffiċċjali tal-LESA biex jagħmlu solverjanza meħtieġa f'dawn it-toroq. Is-Sindku żied jgħid li bejn il-Milied u l-Ewwel tas-Sena saru ħafna telefonati dwar din il-problema. L-uffiċċjali anke ġieli ġew u ma sabux karozzi fil-mument li jkunu ġew.

Il-kunsilliera C Chetcuti reġet issuġeriet li jsiru cctv cameras fl-akwati biex ikun hemm solverjanza u jintaqqas l-abbuz. Żiedet tgħid li qed ikun storbju ta' nies li jkunu qed jistennew il-karozzi u kif ukoll karozzi pparkjati fin-nofs ta' triq. Ġie ssuġeriet li jsiru xi tabelli ta' no parking mas-siġar li hemm faċċata tal-uffiċċju.

Il-Kunsillier S Caruana qal li l-karozzi tal-kiri qegħdin ipparkjati mar-raħal kollu. Dan qed joħloq inkonvenjent ieħor għar-residenti. Is-Sindku qal li f'lejl wieħed il-LESA taw madwar 60 ċitazzjoni. Wara diskussjoni ġie deċiż li ssir laqgħa mall-uffiċjali ta' TM dwar din is-sitwazzjoni. Ġie ssuġġeriet ukoll li residenti jiġu nfurmati b'dak kollu li qed isir mill-Kunsill.

### 11.3 Tmiem tal-Laqgħa.

Il-Laqgha ntemmet fis-sitta neqsin għoxrin ta' filgħaxija (5:40pm).

Konfermati, illum 6 ta' Frar 2025

ffirmati
Romeo Baldacchino
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv